2025/2418

1.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2418

tas-27 ta' Ottubru 2025

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit għal ċerti sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Unjoni u l-emendar tad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 ([1]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) L-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdi diversi każijiet fejn il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit skont l-Artikolu 8(1), il-punt (o), ta' dak il-Ftehim (il-"Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq"), għandu jiddeċiedi dwar il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija bit-triq skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(3) It-Taqsima 2, il-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni tipprevedi sistema ta' skambju ta' informazzjoni dwar l-istazzjonar ta' sewwieqa fit-trasport bit-triq, permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information) tal-Unjoni. L-IMI hija ġestita mill-Kummissjoni, u l-modalitajiet tekniċi ta' dak l-iskambju ta' informazzjoni huma stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq ([2]). Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għall-kostijiet tal-iżvilupp tal-modulu tad-dikjarazzjoni dwar l-istazzjonar tat-trasport bit-triq tal-IMI tħallset fl-2022, f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/689/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit bil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, tal-21 ta' Novembru 2022 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u proċedurali tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) mir-Renju Unit, il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-kooperazzjoni amministrattiva skont l-Artikolu 6 tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha ssir mir-Renju Unit lill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-kost iġġenerat mill-użu tiegħu tal-IMI (ĠU L 75, 14.3.2023, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/578/oj).

(4) L-Artikolu 14, it-Taqsima 1, il-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar l-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdi li kull Parti għandha tiskambja informazzjoni, fost l-oħrajn, dwar ksur serju mwettaq mill-operaturi fil-Parti l-oħra. Ir-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU, European Registers of Road Transport Undertakings), ġestiti mill-Kummissjoni, jintużaw għal dak l-iskambju ta' informazzjoni u.l-modalitajiet tagħhom huma soġġetti għal pożizzjoni separata tal-Unjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2417 ([3]). Ir-Renju Unit ikkontribwixxa għall-kostijiet tal-iżvilupp tal-ERRU bħala Stat Membru tal-Unjoni.

(5) L-Artikolu 714 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdi li l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi, fl-attivitajiet tal-Unjoni jew f'partijiet minnhom għandha tkun soġġetta għal kontribuzzjoni finanzjarja annwali.

(6) Filwaqt li l-modalitajiet tekniċi tal-iskambju ta' informazzjoni huma speċifiċi għal kull sistema ta' informazzjoni u għalhekk huma stabbiliti f'deċiżjonijiet distinti tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, huwa xieraq, minħabba l-ammonti limitati kkonċernati u l-proċeduri amministrattivi meħtieġa għall-ipproċessar tal-pagamenti, li jiġi stabbilit kontribut finanzjarju annwali uniku tar-Renju Unit għall-parteċipazzjoni tiegħu f'ċerti sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Kummissjoni skont il-qafas tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(7) Id-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq tipprevedi l-kontribuzzjoni speċifika tar-Renju Unit għall-IMI, għalhekk huwa meħtieġ li tiġi emendata.

(8) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tat-Titolu I ta' Intestatura Tlieta tal-Parti Tnejn tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq jenħtieġ għalhekk li jistabbilixxi l-kontribuzzjoni annwali li għandha titħallas mir-Renju Unit għal ċerti sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Unjoni.

(9) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, billi l-att previst se jkun vinkolanti għall-Unjoni.

(10) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dik il-Kumitat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit mill-Artikolu 8(1), il-punt (o), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq"), fir-rigward tal-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit għal ċerti sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Unjoni u l-emendar tad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, hija stabbilita fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

J. JENSEN

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2417 tas-27 ta' Ottubru 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit bil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet ta' skambju ta' informazzjoni li tinsab f'dawk ir-reġistri (ĠU L, 2025/2417, 1.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2417/oj).

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU …/2025 TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA

ta' …

dwar l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit għal ċerti sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Unjoni u l-emendar tad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-punt (c) tal-Artikolu 468(5) u l-Artikolu 7(6) tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdi diversi każijiet fejn il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq irid jiddeċiedi dwar il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija bit-triq skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(2) It-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni tipprevedi sistema ta' skambju ta' informazzjoni dwar l-istazzjonar ta' sewwieqa fit-trasport bit-triq, permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI, Internal Market Information) tal-Unjoni. Dik is-sistema hija ġestita mill-Kummissjoni Ewropea, u l-modalitajiet tekniċi ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni huma stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq ([2]). Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għall-kostijiet tal-iżvilupp tal-modulu tad-dikjarazzjoni dwar l-istazzjonar tat-trasport bit-triq tal-IMI tħallset fl-2022, f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat dwar it-Trasport bit-Triq.

(3) L-Artikolu 14 tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar l-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdi li l-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni, fost l-oħrajn, dwar ksur serju mwettaq mill-operaturi fil-Parti l-oħra. Il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni huma stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru …/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq ([3]). Ir-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU, European Registers of Road Transport Undertakings), ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea, jintużaw għal dak il-għan. Ir-Renju Unit ikkontribwixxa għall-kostijiet tal-iżvilupp tal-ERRU bħala Stat Membru tal-Unjoni.

(4) L-Artikolu 714 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdi li l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi, fl-attivitajiet tal-Unjoni jew f'partijiet minnhom trid tkun soġġetta wkoll għal kontribuzzjoni finanzjarja annwali.

([1]) ĠU UE L 149, 30.04.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit bil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra tal-21 ta' Novembru 2022 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u proċedurali tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) mir-Renju Unit, il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-kooperazzjoni amministrattiva skont l-Artikolu 6 tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha ssir mir-Renju Unit lill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-kost iġġenerat mill-użu tiegħu tal-IMI (ĠU UE L 75, 14.3.2023, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/578/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni Nru …/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit bil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ta'… dwar ir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u l-modalitajiet tal-iskambju tal-informazzjoni li tinsab f'dawk ir-reġistri (ĠU UE L, …, ELI: …).

(5) Filwaqt li l-modalitajiet tekniċi tal-iskambju ta' informazzjoni huma speċifiċi għal kull sistema ta' informazzjoni u għalhekk huma stabbiliti f'deċiżjonijiet distinti tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, huwa xieraq, minħabba l-ammonti limitati kkonċernati u l-proċeduri amministrattivi meħtieġa għall-ipproċessar tal-pagamenti, li tiġi stabbilita kontribuzzjoni finanzjarja annwali unika tar-Renju Unit għall-parteċipazzjoni tiegħu fis-sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea skont il-qafas tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(6) Id-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat dwar it-Trasport bit-Triq tipprevedi l-kontribuzzjoni speċifika tar-Renju Unit għall-IMI, għalhekk huwa meħtieġ li tiġi emendata.

(7) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tat-Titolu I ta' Intestatura Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq jenħtieġ għalhekk li jistabbilixxi l-kontribuzzjoni annwali li għandha titħallas mir-Renju Unit għas-sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Objettiv

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit għas-sistemi ta' informazzjoni li huma ġestiti mill-Unjoni fil-qasam tat-trasport bit-triq.

Artikolu 2

Ambitu

Il-kontribuzzjoni stabbilita fl-Artikolu 3 tirrappreżenta l-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tar-Renju Unit għal:

— il-modulu tad-Dikjarazzjoni dwar l-Istazzjonar tat-Trasport bit-Triq tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI); u

— ir-Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU).

Artikolu 3

Ammont u modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit

1. Ir-Renju Unit għandu jikkontribwixxi annwalment għall-kostijiet tas-sistemi ta' informazzjoni elenkati fl-Artikolu 2. Il-kontribuzzjoni annwali għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2026. Din għandha tkun magħmula minn:

— kontribuzzjoni operazzjonali u tal-manutenzjoni; u

— tariffa ta' parteċipazzjoni għall-aċċess għall-ERRU. It-tariffa ta' parteċipazzjoni għandha tkun ta' 4 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali annwali u ma għandhiex tkun soġġetta għal aġġustamenti retroattivi.

2. Għall-ewwel sena l-kontribuzzjoni annwali għandha titħallas fi żmien 20 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Għas-snin ta' wara għandha titħallas sat-30 ta' Ġunju tas-sena tal-kontribuzzjoni. L-ammont tal-kontribuzzjoni għall-ewwel sena għandu jkun iffissat għal EUR 114 305,10 u għandu jiġi rivedut f'konformità mal-iżvilupp tal-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP, Harmonised Index of Consumer Prices) Ewropew kull sena minn hemm 'il quddiem. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkomunika l-ammont rivedut lir-Renju Unit bil-miktub.

3. Għall-fini tal-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja għas-snin ta' wara, il-kontribuzzjoni inizjali operazzjonali u tal-manutenzjoni hija magħmula minn kontribuzzjoni operazzjonali u tal-manutenzjoni ta' EUR 91 541,58 għall-IMI u kontribuzzjoni operazzjonali u tal-manutenzjoni ta' EUR 21 888 għall-ERRU.

4. Il-kontribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha titħallas f'euro fil-kont bankarju denominat bl-euro tal-Kummissjoni indikat fin-nota ta' debitu.

Artikolu 4

Emenda għad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Renju Unit għandu jikkontribwixxi annwalment għall-kostijiet operazzjonali u tal-manutenzjoni tal-IMI fil-qafas stabbilit fid-Deċiżjoni Nru …/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq (*).

(*) Id-Deċiżjoni Nru …/2025 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ta' … dwar l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit għal ċerti sistemi ta' informazzjoni dwar it-trasport bit-triq ġestiti mill-Unjoni u l-emendar tad-Deċiżjoni Nru 1/2022 tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq (ĠU UE L, …, ELI: …).".

Artikolu 5

Bidliet sostanzjali fl-operazzjonijiet u fil-kostijiet tal-manutenzjoni

Fil-każ ta' bidla sostanzjali fil-kostijiet kumplessivi ta' waħda mis-sistemi ta' informazzjoni elenkata fl-Artikolu 2, minħabba adattamenti teknoloġiċi jew għal raġunijiet oħra, il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq għandu jadotta deċiżjoni ġdida dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tar-Renju Unit, fuq talba ta' wieħed mill-Kopresidenti tal-Kumitat.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kumitat Speċjalizzat

għat-Trasport bit-Triq

Il-Kopresidenti